MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. ELLUL ANTHONY

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1834/2002

**Maltacom plc**

**Vs**

**Georgina Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u erbgha u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1034.83), hlas dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21639832.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Ra d-dokumenti a fol 3 u 4 tal-process.

Semgha lill-avukat Dr. Mario Caruana in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ elf u erbgha u tletin lira Maltija u tlieta u tmenin centezmu (Lm1034.83), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**